# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 526/97

Louis Piccione

vs

Ministru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali u l-Management and Personnel Office tal-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-istess Prim Ministru u d-Direttur Generali tal-Qorti li gie kjamat fir-rikors b' digriet tal-1 ta' Marzu 1999

Illum 3 ta' Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**Rikors:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi fil-25 ta' April 1989 kienet harget applikazzjoni permezz ta' cirkolari mahruga mill-ufficju tal-Prim Ministru fejn intalbu applikazzjonijiet ghall-post ta' Technical Officer I fil-Ministeru tal-Intern u Gustizzja, huwa applika ghal dan il-post pero' ma giex maghzul ghalkemm kellu l-kwalifiki kollha mitluba fl-applikazzjoni u dmirijiet imsemmija fic-cirkolari u kien gia qieghed jaghmilhom kif jista' jixhed l-istess kap tad-dipartiment tal-gustizzja ta' dak iz-zmien.

Huwa ma ntghazilx u fil fatt ma ntaghzel hadd. Jahseb li dan gara billi huwa kien il-persuna indikata pero' ma riduhx ghal dan il-post. Jahseb ukoll li dan peress li kien ta' partit kuntrarju u kien ukoll jokkupa kariga fl-istess partit.

Wara l-avviz hareg fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex ikunu jistghu japplikaw dawk li ma kienux impjegati tal-Gvern u jinghazel lil min riedu.

Deherlu li dina kienet mizura sabiex jintaghzel il-persuna li riedu minn barra s-servizz pubbliku.

Min intghazel qatt ma deher jew gie jahdem il-Qorti.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda indikat f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' l-Ingustizzji u li jinghata r-rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ta' Technical Officer I mill-1987 bl-arretrat b'kollox u jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas lilu l-kumpens f'ammont kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-qrati li eccepixxa:

1. Id-direttur Generali tal-Qrati mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri ghaliex kif jidher mir-rikors stess ma hemm xejn allegat li sar minnu.

2. Ghalhekk hija tirrimeti ruhha ghar-rizultanzi processwali.

Ra li r-risposta tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali giet sfilzata b' digriet tal-25 ta' Novembru 1999.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti fuq esposti. Zied li fil-15 ta' Marzu 1989 kienet harget applikazzjoni ghal Technical Officer 1 mill-ufficju tal-Prim Ministru biex dan isehh fil-Ministeru tal-Intern u Gustizzja, permezz ta' cirkolari interna li ggib in-numru 58/59. (Dok A) kif jidher mill-istess cirkolari. Fit-13 ta' Ottubru 1989 harget applikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-istess kariga ghal nies minn barra. Il-persuna li ntaghzlet inzertat li kienet minn parti minn Rahal Gdid li dak iz-zmien kienet taghmel parti mill-ewwel distrett.

Semma li dahal jahdem il-Qorti fl-1972 u beda jahdem ta' Court Recorder. Eventwalment sar Senior Court Recorder u wara Officer In Charge mill-Court Recorders fl-1986. Mistoqsi dwar dak li hemm imnizzel fuq l-applikazzjoni li tinstab a fol 14 tal-process fil-paragrafu 4 subartikolu 1 li jsemmi "the duties attached to this post include the production, including filming and editing of audio-visual material for training and educational purposes" u x' esperjenza kellu f'dan ir-rigward irrisponda li ghal dak ix-xoghol effettivament il-Qorti qatt ma kien jaghmel dak ix-xoghol pero` kien jarah isir ghand Testa tal-Hamrun. Dwar it-tieni applikazzjoni open hu ma applikax

ghaliha. Dwar il-persuna li eventwalment intghazlet jafha mill-wicc, ma jafx x' jismu u ma jafx xi kwalifiki kellu.

Xehed Lino Grech li f'Marzu tal-1989 kellu l-kariga ta` Registratur jew ta` Direttur Generali tal-Qrati u semma li ma kellu xejn x`jaqsam mad-drafting taghha u qatt ma kien talab ghal dik il-kariga, anzi minghajr ma gie konsultat sab il-post mahluq. Semma li fil-fatt ix-xoghol li kien hemm imsemmi fic-cirkolari r-rikorrent kien qieghed jaghmlu ghax kien qieghed in charge flimkien ma` John Schembri dwar recording. Dwar equipment kien jiehu l-parir tar-rikorrent, anke ghall-procurement tieghu.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ir-rikorrent sostna li l-ewwel applikazzjoni kienet finta ghax kienet fil-verita' intiza ghal xi hadd barra mis-servizz. Sostna li kellu l-kwalifiki necessarji biex jimla dik il-kariga. Qal li gja kien qieghed jaghmel ix-xoghol mitlub. Semma x-xoghol ta' eserjenza li kellu fil-qasam tal-audio kif ukoll liaison ma' Ministeri fuq affarijiet teknici. Semma li kellu esperjenza fix-xiri u istallazzjoni ta' equipment. Hu jhoss li kapaci jaghmel supervision tajjeb fil-Qorti u gab prova permezz tas-sur Grech izda mhux ta' ufficjali prezenti dwar dan. Ghalkemm gab prova tal-kapacitajiet tieghu fix-xoghol ta' l-Audio ma gab ebda prova fil-visual hlief li qal li kien ikun ghand Testa haga li certament mhix ebda kwalifika jew certifikat.

Sostna li l-persuna li ntaghazlet lanqas biss tibda mieghu. Izda hu ma gabx provi ta' xi kwalifiki kellha l-persuna l-ohra u lanqas ipproduciha bhala xhud. Semma li l-kontroparti li hi kontumaci lanqas biss gabet provi li min intghazel kellu kwalifiki aktar mir-rikorrent. Hawn wiehed bil-fors irid jirrileva li l-kontumacja mhix ammissjoni izda opposizzjoni, u kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova l-ingustizzja ghall-anqas *prima facie* u ghall-kontroparti biex tirribatti l-provi tieghu. Biex ir-rikorrent isostni li kien kwalifikat aktar mill-persuna l-ohra bil-fors li missu pprezenta skeda dwar il-kwalifiki tieghu u dawk tal-persuna l-ohra jew ghall-anqas xehed dwar il-kwalifiki tieghu u ipproduca bhala xhud lill-persuna l-ohra. Kif jista' t-Tribunal jghid li saret ingustizzja ghax sar l-iehor u mhux ir-rikorrent jekk it-Tribunal ma' ghandu xejn ma' xiex iqabbel!

Ir-rikorrent sostna li xogholu dejjem intghogob mill-Qorti. Kif inhi allura li d-Direttur Generali qedgha topponi t-talba tieghu ghal dik il-kariga f'dak iz-zmien!

A tenur tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997 biex tirrizulta ingustizzja trid tirrizulta "ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni, preferenza indebita, inkapacita' jew restrizzjoni dwar hatra jew promozzjoni" fil-konfront tar-rikorrenti. Dwar l-ewwel promozzjoni kien jinkombi fuq ir-rikorrent li ghall-anqas iharrek lic-Chairman tal-Bord tal-Ghazla biex jaghti ir-ragunijiet ghala ma giex maghzul halli t-Tribunal ikun f'pusizzjoni li jara jekk saritx xi ingustizzja. Bord tal-Ghazla hu prezunt li ghazel kif suppost u

rikorrent ghandu l-obbligu li jipprova li l-affarijiet ma imxewx sewwa. Ma gie ppruvat ebda apprezzament hazin jew zbaljat tal-kwalifiki tar-rikorrent, jew xi vjolazzjoni tal-ligi jew xi pregudizzju serju jew gravi da parti tal-Bord.

Dwar it-tieni applikazzjonijiet lanqas biss applika. Izda hawn forsi t-Tribunal setgha xorta jidhol fil-meritu ta' dan, izda ir-rikorrent kif issemma 'l fuq ma gabx provi tal-kapacitajiet rispettivi tieghu u ta' dak li intghazel.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Qorti.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.